# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI

## IMHALLEF

## ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.

Rikors Numru: 699/97

Terence Vella

vs

Kummissarju tal-Pulizija

Illum 21 ta' Frar, 2002.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' 1989 huwa sofra ingustizzja f'li ma nghatax l-opportunita ta' reinstatement fil-Korp.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:-

Illi hu kien ingagga fil-Korp tal-Pulizija fis-sena 1982. Hu kien iservi fid-Dipartiment tal-ID cards, fejn dam hemm hdax il-xahar. Hu kien inbaghat jaghmel xoghol fid-Distrett u aktar tard fit-

taqsima tat-traffiku fejn ghamel sal-1989, fejn bla raguni ta' xejn hu kien gie trasferit l-Ajruport, hu ghamel diversi talbiet biex jitlaq minn din is-sezzjoni peress li ma setghax jidra u meta t-talbiet tieghu ma ntlaqghux ma kellux triq ohra hlief li fis-sena 1992 jirrizenja.

Illi hu kien rega' applika biex jiehu reinstatement fil-Korp fl-1993,1994 u fl-1995 u kull darba it-talba tieghu ma tigiex milqugha fil-kazi kollha qatt ma nghata raguni valida ghal dan, meta nies ohra li kienu barra mill-Korp ferm iktar minnu nghataw l-opportunita` li jkollhom reinstatement.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi jinghata ic-cans ta' reinstatement fil-korp, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' mhux aktar minn Lm5000 jew kif jiddeciedi it-Tribunal.

Ra l-elenku tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija li eccepixxa:

Illi ghalkemm ir-rikorrent qieghed jilmenta mit-transfer li kien qala' mis-sezzjoni tat-traffiku ghal dak ta' l-Ajruport li dan ma kienx l-uniku transfer li kien nghata fiz-zmien li hu kien ghamel fis-servizz. Huwa kien gie trasferit ukoll qabel il-perjodu operattiv ta' l-att VIII tal-1997 u dan dejjem skond il-principju ta' mobilita' u l-ahjar thaddim tar-risorsi umani fil-Korp.

Illi r-raguni li waslet lir-rikorrent li rrizenja mill-Korp tal-Pulizija ma kienitx dik allegata fir-rikors tar-rikorrent izda l-fatt li r-rikorrent kien sab impjieg alternattiv u ried, ***volonta' sua,*** jitlaq minn pulizija.

Illi t-trasferimenti kienu gustifikati mill-principju tal-mobilita' tal-membri tal-Korp u ma ikkagunaw l-ebda sofferenza indebita' jew bdil tar-residenza lir-rikorrent.

Illi r-rifjut ta' l-ewwel talba tar-rikorrent sabiex jigi reinstated fil-Korp tal-Pulizija ma kinitx ir-responsabilita' ta' l-intimat.

Illi r-rifjut tas-sussegwenti talbiet tar-rikorrent sabiex l-ewwel rifjut terga tigi ikkunsidrat ma kienux milqugha ghall-ragunijiet validi fosthom l-inidonjeta' tar-rikorrent li jerga jigi mdahhal fil-Korp.

Ra l-lista tax-xhieda tal-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidra

Illi fil-15 ta' Lulju, 1999 ir-rikorrent iddikjara li r-reinstatement illum sar u ghalhekk jirtira t-talba f'dan ir-rigward. Sostna li zamm ferm it-talbiet l-ohra. Izda it-talba tar-rikors hija dwar ir-reinstatement u mhux fuq affarijiet ohra. Ir-rikorrent ipprova jiggranfa duffrejh fuq it-transfer izda l-oggett veru tar-rikors kien ir-reinstatement. Ghal dawn il-motivi it-Tribunal ma jistax jipprocedi fuq affarijiet ohra mhix imsemmija fit-talba u jilqa' l-eccezzjoni tal-intimat.

Izda minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.